Minuti tat-tlettin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali l-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar il-Ħamis 03 ta' Lulju 2014 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

Preżenti wkoll:- Michel Mifsud (President) u Clayton Zammit (Segretarju) f'isem is-Soċjetà Filarmonika La Stella
Omar Xuereb (President) u Dorian Desira (Segretarju) f'isem l-Għaqda Mużikali Marija Assunta
Dawn ġew mistiedna li jipparteċipaw waqt din il-laqgħa skont reżoluzzjoni tal-Kunsill waqt il-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014.

**Aġenda:-**

1. Parteċipazzjoni tal-baned lokali waqt Jum il-Gudja 2014

2. Għeluq tal-laqgħa

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1. Parteċipazzjoni tal-baned lokali waqt Jum il-Gudja 2014**

1.1 Stqarrija mis-Sindku: Servizz tal-banda f'Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva żewġ imejls waħda datata 26 ta' Ġunju 2014 mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta s-Sur Carmel Ellul u l-imejl oħra datata 27 ta' Ġunju 2014 mingħand is-Sur Clayton Zammit Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

Dawn l-imejls li ġew moqrija wkoll waqt il-laqgħa sejrin jiffurmaw parti integrali ma' dawn il-minuti u mmarkati dok "GħMMA 1" u dok "SFLS1". Is-Sindku spjega li kienet, għandha u tibqa x-xewqa tal-Kunsill li jkun hemm l-għaqda u l-armonija qalb is-soċjetajiet u kommunità fil-Gudja speċjalment bejn iż-żewġ baned li huma magħrufa sewwa fil-qasam kulturali u mużikali kemm fil-livell lokali kif ukoll nazzjonali.

Is-Sindku qal li l-Kunsill jifhem sewwa l-ħtieġa li jiġu osservati l-proċeduri li kull soċjetà u għaqda tħaddan iżda wieħed jixtieq li jinsabu soluzzjonijiet dewwiema għaliex hija l-għaqda u l-armonija qalb l-għaqdiet li tgħin sewwa sabiex jinkiseb kemm divertiment kif ukoll ġid kulturali li jkun jista' jidgawda kemm mill-Gudjani kollha kif ukoll minn dawk kollha li jattendu għall-attivitajiet li jiġu organizzati mill-każini tal-baned ġewwa l-Gudja.

1.2 Saret diskussjoni dwar li ż-żewġ baned għandhom ir-rieda li jersqu u jaħdmu flimkien għall-ġid u rispett tal-Gudja.

Waqt din id-diskussjoni ġew diskussi diversi punti fosthom l-istandards meħtieġa u l-ispiża marbuta sabiex il-banda jkollha programm li juri l-aħjar specjalment waqt Jum il-Gudja.

1.3 Polza:- Waqt din id-diskussjoni libera sar suġġeriment li għal din id-darba l-banda tkun waħda li titla' bil-polza għaliex inħass li ma jkunx għaqli f'dan l-istadju li jkun hemm il-parteċipazzjoni taż-żewġ baned li jduru diversi toroq ġewwa l-Gudja b'mod separat.

Il-Kunsill u r-rappreżentatni tal-baned qablu li titla' bil-polza l-banda għas-servizz ta' Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014 u dik il-banda li ma titlax bil-polza tagħti s-servizz għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014.

1.4 Servizz tal-banda mill-banda Soċjetà Filarmonika La Stella l-Gudja. Il-polza telgħet f'isem il-banda Socjetà Filarmonika La Stella u għalhekk hija din il-banda li sejra tagħti s-servizz għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014.

Din il-banda għandha tkun magħmula minn mhux inqas minn tlettin bandist.

Ħin: il-banda tibda iddoqq fis-6.45pm u titlaq minn Triq il-Kbira (fix-xaqliba ta' Triq Ħal Safi ma' Triq il-Kbira)

Toroq: Triq San Ċiru
Triq Bettina
Triq Joseph Pace
Triq Santa Katarina
Triq Raymond Caruana (quddiem il-bini tal-Kunsill)
Pjazza quddiem il-Knisja

Tispiċċa tagħti servizz wara t-tqegħid tal-fjuri fuq il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra u sa ma' tibda l-varjetà fuq il-palk.

1.5 Ġest ta' Ħbiberija. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Caruana dawk kollha preżenti qablu li meta l-banda tkun għaddejja minn quddiem il-każin tal-Banda Għaqda Mużikali Marija Assunta, il-banda li għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014 hija dik il-banda tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, tieqaf għal ftit u jsir ġest simboliku ta' ħbiberija bejn iż-żewġ għaqdiet.

1.6 Armar tal-palk f'Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014. Saret diskussjoni u sar qbil minn dawk kollha prezenti li għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014 dan il-palk jintrema fil-post bejn Triq San Ċiru u Triq id-Dejqa l-Gudja li huwa qrib tal-każin tal-banda Għaqda Mużikali Marija Assunta.

Għal Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2015 il-palk sejjer jintrama f'post addattat li jkun qrib il-każin tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

**2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>**

2.1 Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti awguraw il-ħidma fl-akbar armonija u rispett bejn u lejn l-għaqdiet kollha tal-Gudja u stiednu lil kulħadd sabiex jipparteċipaw bi ħġarhom fil-programm ta' attivitajiet li sejrin jittellgħu għal Jum il-Gudja 2014.

2.2 Peress li l-materja li għaliha ġie imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, s-Sindku aġġorna l-laqgħa fis-7.15pm sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-